# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1521/99 NA**

**Nadia mart Ousman Balsa nee' Bonnici**

**vs**

**Dr. Joseph Chetcuti w il-Prokuratur Legali Sharon Mizzi kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Ousman Balsa permezz ta' digriet tal-11 ta' Mejju 1999**

**Nullita' ta' Zwieg - Zwieg ta' konvenjenza - Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti sabet mill-provi li dan kien zwieg iehor ta' konvenjenza li l-konvenut dahal ghalih biss biex ikun jista' jakkwista c-cittadinanza Maltija.  Dan wassal lill-Qorti li tiddikjara l-kunsens tal-konvenut ivvizzjat u n-nullita' taz-zwieg a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-28 ta' Gunju 1999 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fil-familja fis-7 ta' Marzu 1995;

Illi dan iz-zwieg hu null ghaliex bejn il-partijiet ma kienx hemm intenzjoni vera ta' zwieg ghaliex il-konvenut ried biss jakkwista c-cittadinanza Maltija, u l-attrici kienet nieqsa mid-diskrezzjoni mehtiega ghaz-zwieg;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Marzu 1995 null u bla effett.

Bl-ispejjes. Il-konvenut hu ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-11 ta' Mejju 1999 fejn gew nominati l-Avukat Dottor Joseph Chetcuti w il-Prokuratur Legali Sharon Mizzi bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi tal-4 ta' Frar 2000 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet formali fi stadju ulterjuri.

L-attrici xehdet fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2000 fejn ipproduciet ukoll ix-xhieda ta' ommha. F'din is-seduta hija ddikjarat li ma kellhiex aktar provi w il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu u peress li ma jirrizulta ebda ostakolu biex tinghata din is-sentenza hija sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dan huwa zwieg iehor ta' konvenjenza fejn barranin jizzewgu mara Maltija biex jakkwistaw ic-cittadinanza Maltija u mhux ghax verament l-intenzjoni w il-kunsens taghhom ikunu immirati lejn il-hajja

mizzewga. Effettivament iz-zwieg gie ccelebrat f'dan il-kaz biss wara ftit xhur ta' gherusija u meta l-konvenut kien tkecca minn Malta peress illi ma kellux permess jibqa' f'dawn il-Gzejjer. Din l-intenzjoni tal-konvenut harget b'mod car wara li l-koppja fil-fatt izzewgu fejn l-attitudini tieghu lejn l-attrici tbiddlet kompletament wara z-zwieg. Din il-Qorti, kif presjeduta, f'diversi sentenzi precedenti ddikjarat illi f'dawn iz-zwigijiet ta' konvenjenza l-kunsens huwa wiehed ivvizzjat u ghandu jwassal ghan-nullita' taz-zwieg in kwistjoni sew taht is-sub-inciz (d) sew taht dak (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Marzu 1995 null u bla effett u dana bl-ispejjez tal-kawza kif mitluba kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.